MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 1396/2000/1

**Shane Scicluna**

**vs**

**Michelle Scicluna**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu nhar id-29 t'Awissu 1999, skond ma jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg esebit bhala Dokument "A".

Illi l-kunsens ta' l-attur inkiseb bi vjolenza sew fizika, sew morali jew biza' (**artikolu 19 (1) (a) Kap. 255**).

Illi l-kunsens ta’ l-attur inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga (**artikolu 19 (1) (c) Kap. 255**).

Illi *inoltre* l-kunsens ta’ l-attur u/jew tal-konvenuta kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagha. (**artikolu 19 (1) (d) Kap. 255**).

Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu. (**artikolu 19 (1) (f) Kap. 255**).

Illi l-kunsens ta’ l-attur u/jew tal-konvenuta kien marbut ma’ kundizzjoni li tirreferi ghall-futur. (**artikolu 19 (1) (g) Kap. 255**).

Illi ghalhekk in vista tal-premess jezistu cirkustanzi sabiex iz-zwieg ta’ bejn il-kontendenti jigi ddikjarat null u bla ebda effett.

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti tad-29 t’Awissu 1999 huwa null u bla effett *ai termini* ta’ l-**artikolu 19 (1) (a)  u/jew 19 (1) (c) u/jew 19 (1) (d) u/jew 19 (1) (f) u/jew 19 (1) (g) ta’ l-Att XXXIII Dwar iz-Zwigijiet**.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta minn issa in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat il-verbal tas-7 ta’ Frar 2001.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta tas-16 ta’ Marzu 2001 a fol. 12 fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi z-zwieg kkuntrattat skond il-ligi u l-kunsens tal-partijiet ma kienx vvizzjat mill-partijiet;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost f'kaz li hemm bazi ta' annullament taz-zwieg, dan ma kienx debitat lill-konvenuta, izda kien debitat unikament lill-attur.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 13 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tat-2 ta' Mejju 2001 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Audrey Demicoli bhala Perit Legali biex tigbor il-provi u tirrelata; tat-13 ta' Novembru 2001; tal-21 ta' Marzu 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; tal-20 ta' Gunju 2002; tal-4 ta' Dicembru 2002; tat-13 ta' Frar 2003 fejn il-Qorti giet infurmata li gurnata qabel ir-rapport gie mahluf mill-Perit Legali fir-Registru. Il-Qorti rratifikat il-fatt li l-Perit Legali halfet ir-rapport fir-Registru, b'dan li ordnat li l-verbal tat-13 ta' Frar 2003 jigi notifikat a spejjez attrici lill-konvenuta jew lid-difensur taghha; u tat-18 ta' Marzu 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-25 ta' Gunju 2003.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali, is-seduti minnha mizmuma, id-dokumenti hemm esebiti u x-xhieda hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi **l-attur** xehed bil-procedura tal-affidavit u anke *viva voce* in kontro-ezami. Huwa spjega li ltaqa' mal-konvenuta l-ewwel darba f'wiehed mill-istabbilimenti gestiti minnu

gewwa Paceville, huwa kien akkompanjat minn zewgt ihbieb irgiel u hija kienet akkompnjata minn habiba. L-attur jghid li wara ftit tal-hin iddecidew li jmorru l-*flat* tal-konvenuta fejn ghamlu *“speci ta’ party …. Bdejna nilghabu ‘Spin the Bottle’ u spiccajna konsegwenza ta’ din il-loghba, jien fil-kamra ta’ Michelle u Michael spicca ma’ Lynn. Dan kien xi sena qabel id-data taz-zwieg”.* Wara din l-okkazjoni, jispjega l-attur, hu u l-konvenuta kienu jiltaqghu okkazjonalment meta hija kienet tmur fl-istabbilimenti tieghu f’Paceville u l-ewwel darba li hargu flimkien kien xahrejn wara l-ewwel inkontru meta marru jieklu.

Illi l-attur jiddefinixxi r-relazzjoni tieghu mal-konvenuta bhala wahda kazwali hafna u jghid li tant hu hekk huwa kontemporanjament ma’ din ir-relazzjoni kellu relazzjonijiet ma’ tfajliet ohra wkoll. L-attur ikompli jghid li wara tliet xhur ta’ din it-tip ta’ relazzjoni l-konvenuta bdiet issir *possessive* hafna u bidet taqlalu hafna problemi minhabba dan il-fatt. Huwa jsostni li l-konvenuta *“riedet taqtaghni minn ma’ kulhadd u ma tahmilni nkellem lil hadd. Problemi kien ikollna l-hin kollu, dejjem nargumentaw. Kienet tghidli kliem fis-sens illi jekk nitlaqa’ kienet toqtol ruhha b’idejha. Fil-fatt darba minnhom kienet belghet xeba’ pilloli semplicment ghaliex ghidtilha li ma ridtx inkompli jkolli x’naqsam maghha”.*

Illi l-attur jghid li l-konvenuta kienet iggranfat mieghu u ma rieditux jitlaqa’ bl-ebda mod, u jsostni li huwa kien jibza’ li jekk jitlaqa’ *“kienet taghmel xi wahda u tghallini”.* L-attur jiddeskrivi okkazjonijiet fejn il-konvenuta kienet tistennih barra l-istabbilimenti tieghu wara li jaghlaq u tipprova tidhol mieghu fil-karozza b’kull mod.

Illi dejjem skond l-attur, il-partijiet qatt ma marru ghand il-familjari ta’ xulxin.  Huwa jghid ukoll li darba fost l-ohrajn meta kienu miggieldin, il-konvenuta kienet marret tkellmu l-hanut u nfurmatu li kienet tqila. *“Jiena bqajt skanta anke ghaliex dak iz-zmien konna bhas-soltu miggieldin. Jiena bdejt nippanikkja u Michelle riedet li ahna nizzewgu nkella kienet ser tmur ma’ ragel iehor u tghid sussegwentement li din it-tarbija hija tieghu”.*

Illi l-attur jghid li huwa hass ruhu rikattat u beda jhoss li ma kellux ghazla anke ghaliex fil-passat kellu tarbija ma' persuna ohra u sab problemi kbar rigwardanti l-access. Huwa jghid li *"ndunajt u fhimt li kienet ser tinholoq l-istess sitwazzjoni, anzi izjed aghar minn hekk ghaliex ikun hemm persuna ohra li tkun qed tikkontendi li hija hi l-missier tat-tarbija u mhux jien".*

Illi l-attur jispjega li fi ftit zmien iddecieda li jizzewweg lill-konvenuta u dan minkejja li qatt ma kienu ghamlu ebda preparamenti ghaz-zwieg. Huwa jghid li ma qal xejn dwar dawn il-preparamenti lill-genturi tieghu. L-attur jispjega li ommu ghadha sal-gurnata tal-llum ma tafx li hu mizzewweg u li missieru sar jaf b'kumbinazzjoni *"u dan meta mort mieghu biex nixtri karozza u staqsewni ghall-firma tal-mara ….. kelli nurihom kuntratt li kont ghamilt qabel iz-zwieg. Missieri dak il-hin baqa' jhares lejja u baqa' mbellah."*

Illi l-attur jghid li huwa thajjar jaghmel dan il-pass peress li z-zwieg kien ser ikun biss wiehed civili *stante* li *"ghalija zwieg mhux bil-Knisja m'huwiex zwieg u kont minghalija li jekk nizzewweg bir-Registru u mmur barra minn Malta ghal sentejn kont awtomatikament nakkwista d-divorzju".* Huwa jiddefinixxi lill-konvenuta bhala bniedma difficli hafna u jispjega li beza' li kien ser ikollu problemi kbar in kwantu jirrigwarda t-tarbija jekk ma jizzewwigx il-konvenuta bir-Registru.

Illi l-attur esebixxa kitba taz-zwieg (Dok. "SC1") li giet iffirmata tliet ijiem qabel id-data taz-zwieg u jghid li b'din il-kitba taz-zwieg kellu mohhu mistrieh li l-istess zwieg ma kienx ser jikkomportalu konsegwenzi finanzjarji. L-attur kien iffissa data ohra ghaz-zwieg qabel dik effettiva u jghid li huwa ma kienx mar dakinhar ghaliex kien mar *training* Ta' Qali minflok. Fid-data taz-zwieg il-partijiet marru jiehdu pizza wara li zzewgu r-Registru u l-attur jghid li wara huwa baqa' sejjer ix-xoghol.

Illi wara z-zwieg huwa baqa' jghix id-dar t'ommu jghid l-attur filwaqt li l-konvenuta baqghet tghix fid-dar taghha.

Damu f'din is-sitwazzjoni madwar xahrejn u meta tlestiet il-*penthouse* tal-attur f'Tas-Sliema morna nghixu hemmhekk *"izda konna naghmlu erbat ijiem flimkien niggieldu u jien immur nghix H'Attard u hi lura ghand ommha".* L-attur jghid li madwar xahar li twieled it-tifel *"jiena qbadt u tlaqt u dana peress li ma stajtx nissaport izjed. Illum jiddispjacini tal-izball li ghamilt u ta' kif hallejt lil Michelle tahkimni b'dan il-mod".*

Illi **Saviour Scicluna** missier l-attur, ikkonferma li huwa kien sar jaf li ibnu kien izewweg lill-konvenuta meta akkompanja lill-attur sabiex jixtri karozza u dan tal-ahhar kellu jiffirma xi kambjali u gie mistoqsi jekk kienx mizzewweg. *"Shane irrisponda li kellu xi karta u mar igib dan id-dokument li kien juri li ma kellux bzonn il-firma tal-mara. Jiena bqajt skantat ghaliex lanqas biss kont naf li kien mizzewweg ahseb u ara lil min kien izzewweg".* Dan ix-xhud jghid li meta prova jitkellem ma' ibnu dwar din l-istorja huwa kien evaziv hafna. Missier l-attur mar id-dar u kkonfronta l-mara izda din qaltlu li ma kienet taf xejn u li sa fejn taf hi *"Shane iqum u jorqod id-dar wara x-xoghol".* Missier l-attur jispjega wkoll li huwa prova jindaga fuq il-post tax-xoghol tat-tifel izda hadd ma ried jaghtih informazzjoni. Fl-ahhar skopra li t-tifel kien izzewweg lill-konvenuta. Dan ix-xhud jghid li lill-konvenuta kien raha darba biss meta hu u martu marru l-Isptar meta din tal-ahhar kellha t-tarbija – *"Dakinhar kont mort mal-mara tieghi sabiex naraw dan il-'baby' li kien ghadu kif twieled. Mort pero' ma kontx naf li omm din it-tarbija kienet ukoll mart it-tifel tieghi. La jien ma kont naf u lanqas marti".*

Illi **Sara Mifsud**, oht l-attur, xehdet li huha kien talabha tiltaqa' mieghu Strada Merkanti ghaliex kellu bzonnha tiffirmalu xi karti. *"Jien ma kontx naf dawn il-karti x'inhuma u hsibt li kien xi haga relatata man-negozju taghna".* Meta ltaqghet ma huha din ix-xhud tghid li huwa kien akkompanjat minn Paul, il-*manager* tal-hanut taghhom, u minn tfajla li ma kinetx taf. Meta dahlu l-Insinwa u telghu fuq l-attur spjega lil ohtu li kien ser jizzewweg bir-rit civili biss**.** *"Qalli li ghalih dan ma kienx tieg u li kien qed jaghmel hekk peress li t-tfajla tieghu kienet tqila. Qalli biex naghmillu pjacir u noqghod xhud u li dan kien jinvolvi biss*

*li semplicement niffirma. Jiena meta smajt dan id-diskors bqajt skantata ghax ma kont naf b'xejn u fil-fatt hadd mill-familja ma kien jaf".* Din ix-xhud tghid li huha kien spjegalha li l-genituri taghhom ma kienu jafu xejn u li huwa kien ha hsieb kollox u ma kienx ser ikollu problemi. *"Rega' sostna li ghalih dan kien pass ta' bilfors ghaliex inkella ma jara qatt lit-tarbija".* L-istess xhud tghid li lill-genituri taghha qatt ma qaltilhom xejn dwar dan il-fatt ghaliex hasset li ma kellhiex tindahal.

Illi **Paul Debono,** wara li spjega li huwa jahdem bhala *manager* f'wiehed mill-istabbilimenti proprjeta' tal-attur, jghid ukoll li huwa kien wiehed mix-xhieda fiz-zwieg tal-partijiet. Huwa jghid li l-attur kien talbu l-karta tal-identita' u qallu li kellu bzonnha ghal xi kuntratt ta' magna tas-sigaretti izda wara ftit dan cempillu u qallu biex jghaddi ghalih id-dar *stante* li kien ser joqoghdlu xhud fit-tieg. *"Jiena qatt ma kelli hjiel li huwa kien ser jizzewweg. Staqsejtu lil min kien ser jizzewweg u ghidtlu'ser tizzewweg u lanqas ommok u missierek ma jafu? Huwa risponda li kien ser jizzewweg ghaliex ma riedx ikollu nkwiet minhabba t-tarbija u mhux ghaliex kien ihobb lill-konvenuta".*

Illi dan ix-xhud jghid ukoll li huwa prova jiftah ghajnejn l-attur dwar dak li kien ser jaghmel izda dan tal-ahhar baqa' jirribadixxi li kien ser jizzewweg minhabba t-tarbija u li fi kwalunkwe kaz iz-zwieg kien ser ikun biss bir-Registru u li ghalih dan it-tip ta' zwieg ma kien jikkomporta ebda rabta. Dan ix-xhud jikkonferma li dakinhar stess tat-tieg, fil-ghaxija, l-attur kien dahal regolarment ghax-xoghol fl-istabbiliment tieghu. Huwa spjega wkoll li lill-konvenuta kien jafha di vista peress li kienet tmur il-hanut. Huwa kien jghid lill-partijiet dejjem jiggieldu u fil-fatt meta sar jaf li l-attur kien ser jizzewweg lill-konvenuta kien irrimarkalu *"ser tizzewweg u dejjem tiggieldu".* Dan ix-xhud jghid ukoll li l-attur kemm-il darba qal lill-konvenuta sabiex titlaq 'il barra mill-hanut wara li kienu jiggieldu izda hija kienet tinsisti li tibqa' hemm. Il-konvenuta kienet tghir ghal certu nisa li kienu jahdmu fl-istabbiliment tal-attur, jghid dan ix-xhud li jispjega wkoll li hafna drabi huwa kien ibiddel l-

ismijiet fuq ir-*roster* apposta minhabba l-konvenuta izda hija xorta kienet tmur tivverifika min kien xoghol.

Illi **Paul Marmara** li wkoll huwa mpjegat tal-attur, jghid li dan tal-ahhar kien talbu sabiex joqghodlu xhud fit-tieg – *"Jiena staqsejtu jafux ommu u missieru li kien ser jizzewweg u huwa qalli le u ghalhekk ghidtlu biex ma jdahhalniex f'inkwiet. Dan nghidu ghaliex naf li ghall-familja Scicluna, Shane huwa mportanti hafna u naf ukoll li ommu u missieru kienu ser johduha bi kbira hafna".* Dan ix-xhud jispjega li safejn jaf hu omm l-attur ghadha ma tafx sal-gurnata tal-llum li huwa zzewweg. Dan ix-xhud jispjega li l-attur kien qallu li r-raguni li kien ser jizzewweg kienet ghaliex il-konvenuta kienet tqila. *"Meta jiena ppruvajt nispjegalu s-serjeta' u l-implikazzjonijiet taz-zwieg, huwa qalli 'mhux kemm niffirmaw ir-Registru ….. Huwa qalli li ried din it-tarbija tkun f'ismu biex ma jkollux problemi ghaliex huwa diga' kellu problemi minhabba tarbija ohra li kellu mill-'ex' tfajla tieghu, u minhabba l-fatt li fuq ic-certifikat tat-twelid kien hemm imnizzel 'father unknown', kellu hafna problemi sabiex ikollu access ghal din it-tarbija".*

Illi **Paul Axisa** u **Christopher Calleja** t-tnejn ikkonfermaw li l-konvenuta kienet *possessive* hafna in kwantu jirrigwarda l-attur u li l-partijiet kienu jiggieldu ta' spiss minhabba din ir-raguni. Christopher Calleja fil-fatt jghid li l-konvenuta kienet taqla' hafna nkwiet fil-*bar* propjeta' tal-attur u din kienet wahda mir-ragunijiet ghalfejn huwa telaq mill-impjieg tieghu mal-istess attur – *"Nghid li wahda mir-ragunijet li jiena tlaqt mill-impjieg tieghi minn mal-attur kien minhabba dan l-inkwiet li kien jinqala' mal-konvenuta. Lil Shane ma kontx nista' nkellmu ghaliex kienet tridu l-hin kollu hdejha. Kellna problemi anke dwar l-impjegati nisa ghaliex kienet tghir. Anke addirittura fuq klijenti kellna l-problemi ghaliex kienet tghid li bicciet minnhom kellhom grazzja ma' Shane u ma kienetx tridhom jidhlu fil-bar".* Skond l-imsemmi xhud dan kollu gara qabel ma' l-partijiet izzewgu ghaliex meta zzewgu kien diga' telaq. Dan ix-xhud isostni li *"minhabba dan l-inkwiet Shane kien ikun qisu ndannat. Gieli kien jissakkar fl-ufficcju biex jevitaha jew f'kamra ohra fejn ma tistghax issibu".*

Illi **l-konvenuta** xehdet bil-procedura tal-affidavit u *viva voce* in kontro-ezami. Hija tghid li tliet gimghat wara li ltaqghet mal-attur f'*take-away* Paceville, kienu spiccaw il-flat taghha jilaghbu *'Spin the Bottle'* u eventwalment hija spiccat fil-kamra taghha mal-attur. Dan anke jekk isostni li dakinhar kulma ghamlu kien li tkellmu peress li l-attur qalilha li kien qed johrog ma tfajla ohra u *inoltre* kellu relazzjoni ma' mara mizzewga. Hija tghid ukoll li l-attur wieghedha li kien ser jispicca r-relazzjoni maghhom sabiex johrog maghha. Il-konvenuta ssostni li minn dakinhar l-attur mar jghix fl-appartament taghha fis-Swieqi. Damu jghixu hemm minn April 1998 sa Lulju 1998 u wara li skada l-kuntratt ta' kera marru jghixu fil-*penthouse* tal-attur f'Tas-Sliema. Il-konvenuta tiddeskrivi okkazjoni fejn l-attur abbandunaha f'tieg ghaliex raha tkellem lill-*ex* gharus taghha u tispjega li *"hafna glied kien isehh hekk filli qeghdin niccajtaw fil-karozza u filli jara lil xi boyfriend ghaddej u jaqbad jaghtini bil-ponn".* Hija ssostni li ma kinetx tghir ghat-tfajliet li kellu qabilha u ghall-impjegati tieghu. Il-konvenuta isostni li lill-attur dejjem habbitu u fdatu u li safejn taf hi nisa ohra ma kellux ghaliex huma kienu dejjem flimkien – *"kemm ommu u kemm xi whud mill-istaff dejjem qaluli li Shane kien ihobbni hafna".*

Illi dwar il-mod kif izzewgu, l-konvenuta tghid li hi u l-attur kienu miggieldin u hija kienet ghand habiba taghha meta l-attur kien mar ghaliha hemm u marru *weekend* Ghawdex *"biex jikkonvincini nirrangaw. Qghadna u konna hemm xtrali curkett u qalli biex la ninzlu Malta mmorru naghmlu d-data taz-zwieg. Meta nzilna hekk ghamilna".* Il-konvenuta tghid li ma kinetx tqila f'dan iz-zmien u tghid ukoll li waqt li kienu Ghawdex, l-attur cempel lil ommu u qalilha li kienu ser jizzewgu. Dejjem skond il-konvenuta l-ewwel data li ffissaw ghat-tieg giet kancellata peress li omm l-attur sarilha ntervent kirurgiku f'rasha u l-attur kien inkwetaaat hafna izda tghid ukoll li *"wara gimgha ghamilna data ohra u zzewwigna bir-Registru".* Il-konvenuta ssostni li wara z-zwieg huma marru jghixu fil-*flat* ta' oht l-attur f'Bugibba *"ghax kont nara li malli mmorru l-penthouse konna niggieldu wisq"*. Hija ssostni li l-attur dejjem qam u

raqad maghha u li kien imur ghand ommu biex jara kif inhi. *"Kulhadd kien jghidli kemm hu kuntent li zzewwigna u li ser ikollna baby"* tghid il-konvenuta dwar l-attur u zzid *"ghalkemm konna niggieldu spiss konna xorta wahda ninhabbu u wara l-glied dejjem kien jiddispjacih u jitlobni biex ma nitilqux"*. Il-konvenuta tghid li wara li zzewgu u meta hija kienet ghadha tqila, isseparaw izda tghid li wara li twieldet it-tarbija *"tajtu cans iehor ghax hu waqt it-tqala ghalkemm ma konniex flimkien urieni rispett u mhabba kbira billi jghinni waqt it-tqala".* Il-konvenuta tghid ukoll li l-attur baqa' l-istess u li wara li kienet ilha gimgha li harget mill-isptar meta kellha t-tarbija *"rega' beda jerfa' idu fuqi. Jien qbadt u tlaqt bit-tifel ghand ommi".*

Il-konvenuta ssostni li missier il-konvenut kien jaf biz-zwieg u kien hu li ssuggerielu li ssir il-kitba taz-zwieg. Dwar din il-kitba taz-zwieg il-konvenuta tghid li accettat li ssir ghaliex *"minghandu ma ridt xejn hlief li jhobbni u jirrispettani".* Il-konvenuta tghid li ghand omm l-attur dahlet darbtejn wara li twieldet it-tarbija. Fl-affidavit taghha tghid li *"ma ommu kont 'close' hafna u kont nghidilha b'kulma kien jigri bejnietna. Hi kienet tghidli li ma kinetx temmen li hu kien isawwatni daqs kemm jghidilha li jhobbni u li hu kuntent mieghi, sakemm rat id-daqqiet b'ghajnejha stess"* izda in kontro-ezami l-istess konvenuta taghti verzjoni kemxejn differenti f'dan ir-rigward. Hija fil-fatt tghid hekk *"Id-dar ta' omm Shane, H'Attard, jiena ftit dhalt. Ir-raguni kienet li ommu qaltli li hija kienet stabbilit certu rapport mal-'girlfriends' li kellu qabel u kien jiddispjaciha meta ma jibqghux flimkien".* Il-konvenuta qalet ukoll li la ommha u missierha u lanqas il-genituri tal-attur ma kienu prezenti ghaz-zwieg.

Illi **Roxanne Cassar,** habiba tal-konvenuta tghid li hija ilha taf lill-istess konvenuta ghal madwar tnax-il sena. Din ix-xhud issostni li l-partijet kienu ilhom flimkien sena u nofs qabel ma zzewgu u li qabel iz-zwieg, il-konvenuta ghamlet xi zmien tghix mal-attur. Din ix-xhud tghid li hija kellha relazzjoni hazina mal-attur u tghid ukoll li dan tal-ahhar kien ossessjonat fuq il-konvenuta. Dan tafu ghaliex il-konvenuta kienet tkellimha fuq ir-relazzjoni taghha mal-attur. Roxanne Cassar tghid li l-attur kien isawwat lill-

kkonvenuta u li *"kien isakkarha gewwa u johrog wahdu".* Meta l-konvenuta qaltilha li kienet ser tizzewweg lill-attur din ix-xhud qaltilha li kienet qed taghmel zball u dan peress li l-attur kien isawwatha. Din ix-xhud tghid li hija ma marritx ghat-tieg *stante* li l-attur ma riedx u tghid ukoll li ma taf lil hadd li kien mistieden jew prezenti. Cassar tikkonkludi billi tghid li l-partijiet damu flimkien sitt xhur wara li zzewgu.

**<u>(ii) PRINCIPJI LEGALI.</u>**

Illi l-attur qed jitlob li z-zwieg celebrat fid-29 ta' Awissu 1999 jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* tas-**sub-incizi (a), (c), (d), (f) u (g) tal-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**. Il-konvenuta min-naha l-ohra fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha ssostni li dan iz-zwieg huwa wiehed validu u subbordinatament hija tghid ukoll li jekk hemm bazi legali sabiex dan iz-zwieg jigi dikjarat null u nvalidu. Dan huwa ghal ragunijiet atribwibbli lill-attur u mhux lilha.

Illi din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi mressqa mill-partijiet u jidhrilha li ma ngabux provi bizzejjed li jindikaw fuq bilanc ta' probabbiltajiet li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet ghandu jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* tas-**sub-incizi (c) u (g) tal-Artikolu 19 (1)**, u hawn taqbel mal-Perti Legali dwar l-istess konkluzjoni raggunti minnha f'dan ir-rigward.

Illi kif intqal aktar 'il fuq, l-attur jippremetti wkoll li l-kunsens tieghu nkiseb bi vjolenza (fizika jew morali) jew biza'. Dan il-*capus nullitatis* gie ezaminat diversi drabi mill-Qrati taghna. Fis-sentenzi li nghataw fil-kawzi fl-ismijiet **"John *sive* Ivan Sammut vs Michelle Sammut"** P.A. 22 ta' Gunju 1995), **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** (P.A. 14 t'Awissu 1995) u **"Carmel sive Charles Camilleri vs Teresa Camilleri"** (P.A. 3 t'Ottubru 1995) gie spjegat li r-relazzjoni bejn il-vjolenza morali (a differenza ta' dik fizika, li fil-kaz in dizamina certament ma kienetx tezisti) u l-biza' hija wahda ta' kawza u effett. Fil-kawza fl-ismijiet **"Rosanne Cassar vs Kenneth Cassar"** (P.A. 19 t'Ottubru 1998) il-Qorti qalet hekk:-

*" …. Biex jista' jinghad li l-kunsens ikun ivvizjat bil-biza' fis-sens tal-ligi taghna, jehtieg li dik il-biza' tkun tali li mhux biss akkompanjat il-kunsens izda iddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens. Fi kliem iehor il-biza' trid tkun, fil-kaz konkret, ta' certu portata b'mod li tkun tista' tiddetermina kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens. Il-kunsens matrimonjali jkun inghata minhabba l-biza' u mhux minkejja dik il-biza' ".* (sottolinear tal-Qorti).

Illi naturalment biex wiehed jara jekk tezistix din il-biza', jridu jigu ezaminati l-fatti u c-cirkostanzi kollha, sew dawk li precedew iz-zwieg kif ukoll dawk vicin u aktar qrib id-data taz-zwieg. Fis-sentenzi hawn fuq citati nghad li l-vjolenza morali jew biza' in dizamina jrid ikollha kawza esterna ghal persuna li tkun qed tissubixxi dik il-vjolenza jew biza'. Mill-kumpless tal-provi din il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li ma jidhirx li l-attur resaq ghaz-zwieg u ta l-kunsens tieghu minhabba xi biza' rrezistibbli, li fil-kaz konkret ma hallietlux ebda ghazla. Huwa veru li l-attur beza' li l-konvenuta kienet ser tinnegalu l-access ghat-tarbija meta din titwieled peress li kien ghadda minn esperjenza simili fil-passat, izda l-Qorti hija tal-fehma li ma jistghax jinghad li din il-biza' kienet tammonta ghal xi biza' rrezistibbli li ddeterminat kompletament l-ghoti tal-kunsens tal-attur.

Illi l-Qorti min-naha l-ohra jidhrilha li mill-assjem tal-provi rrizulta inekwivokabilment li l-attur izzewweg lill-konvenuta semplicement ghaliex kienet tqila u huwa xtaq jevita l-problemi li kellu fil-passat meta ma nghatax access ghal tarbija li kellu minghand l-*ex* tfajla tieghu. Huwa ra z-zwieg biss bhala soluzzjoni ghal din il-problema u xejn aktar. Ic-cirkostanzi kollha kemm antecedenti ghaz-zwieg, kif ukoll konkomitanti u sussegwenti ghall-ghoti tal-kunsens matrimonjali huma kollha prova lampanti ta' dan. Il-fatt li l-attur ma qal xejn lil genituri tieghu li kien ser jizzewweg, la qabel u la wara li effettivament izzewweg, il-fatt li huwa qal lil ohtu fl-ahhar minuta u dan biss ghaliex kellu bzonnha bhala xhud, il-fatt li mmedjatament wara z-zwieg, l-attur baqa' sejjer dritt ix-xoghol qisu ma gara xejn, il-fatt li huwa stqarr li kien jikkunsidra z-zwieg civili bhala semplici

formalita' li setghet tinhall facilment – *"Ghalija zwieg mhux bil-Knisja m'huwiex zwieg u kont minghalija li jekk nizzewweg bir-Registru u mmur barra minn Malta ghal sentejn, kont awtomatikament nakkwista d-divorzju";* il-fatt li l-attur ghamel kitba taz-zwieg tliet ijiem qabel iz-zwieg *"sabiex ikolli mohhi mistrieh li dan iz-zwieg ma kienx ser jikkomportali konsegwenzi finanzjarji"*; il-fatt li l-partijiet iffissaw data tat-tieg u l-attur ghazel li ma jmurx semplicement ghaliex kien sejjer *training*, huma lkoll provi skjaccanti li l-attur biss certu elementi essenzjali taz-zwieg, izda addirittura z-zwieg innifsu.

Illi min dan kollu jirrizulta li ghall-attur iz-zwieg kien jikkomporta sempliciment soluzzjoni ghall-problema li kien ser ikollu bit-twelid tat-tarbija u l-Qorti hija sodisfatta li huwa prova fuq bilanc ta' probabbiltajiet li din kienet l-unika raguni li ghaliha huwa resaq ghaz-zwieg. Huwa ma riedx jintrabat fiz-zwieg bid-drittijiet u obbligi konnessi. Il-fatt li l-partijiet qatt ma ghexu flimkien wara z-zwieg ghaliex kienu diga sseparaw meta twieldet it-tarbija hija prova ulterjuri li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens, l-attur ma kienx qed jaghti l-kunsens tieghu ghaz-zwieg bir-rabtiet u d-dmirijet kollha konnessi. F'dan ir-rigward l-esponenti taghmel riferenza ghal dak li qalet din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-sentenzi tal-10 ta' Ottubru 1995, u tas-16 ta' Jannar 1998, fil-kawzi fl-ismijiet **"Josephine Grech vs Mahmoud Awwada sive Mahmoud Ali Ibida"** u fil-kawza **"Miriam Ramadan Mabrouk xebba Psaila vs Lovay Ramadan Wahba Mabrouk"** u cjoe' li meta jkun hemm simulazzjoni totali *"wiehed m'ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita ta' l-intenzjoni ta' dak li jkun, pero' tali ntenzjoni tista' tigi manifestata wkoll implicitament"*.

Fi kliem il-gurista ***Castano***:-

*"… l'atto posittivo della volonta' non s'identifica con l'intenzione espressa o esplicita, ma l'atto della volonta' puo' essere posittivo ed essere manifestato implicitamente. Infatti con il Prof. Gangoiti crediamo che l'atto posittivo richiesto dal canone? puo' essere amesso*

*anche con intenzione implicita, vale a dire mediante il modo di comportarsi del soggetto che esclude, o mediente l'insieme di circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta', oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi. E' per questo che la volonta' puo' essere ritenuta una facolta' poliglotta e quindi parla atraverso molteplici linguaggi, senza che sia necessario che lo faccia espressamente".*

*"Huwa ghalhekk li jinkombi fuq il-Qorti li thares lejn ic-cirkostanzi kollha kemm dawk antecedenti, kif ukoll dawk konkomitanti u sussegwenti, ghall-ghoti tal-kunsens matrimonjali, u tinterpretahom b'doza qawwija ta' buon sens, biex tista' tasal, imqar sal-grad ta' probabbilta', li kien hemm l-eskluzjoni pozittiva msemmija".*

Illi fis-sentenza tal-10 ta' Marzu, 2000, fil-kawza fl-ismijiet **"Pauline Ahmed nee' Bugeja vs Shafik Farid Shafik Ahmed"** (Cit. Nru. 171/95 VDG), din il-Qorti kif diversament presjeduta ccitat lill-gurista ***Francesco Bersini*** li jispjega:-

*"Chi ad esempio intende un fine estrinseco al matrimonio in modo tale da escludere con atto posittivo di volonta' lo stesso matrimonio, che per lui e' una pura formalita' vuota e senza senso, evidentemente far del matrimonio un rito vano. In tal modo contrae invalidamente colui che, escludendo con atto posittivo di volonta', almeno implicito, lo stesso matrimonio, si sposa unicamente ed esclusivamente per un fine estrinseco, cjoe' diverso dal matrimonio, fine che egli intende come oggetto esclusivo del consenso. Per esempio: avere una dote, evitare il servizio militare, adire una eredita', scopi di libidine, ecc … L'esclusione del matrimonio si puo' verificare sopratutto in persone che si sposano sotto la pressione del timore grave, o che strumentalizzano, con estrema leggerezza e malizia, il-matrimonio simulato per raggiungere altri fini intesi con volonta' prevalente, come potrebbero essere I miraggi di un vantaggio economico …."* (**Il Diritto Canonico Matrimoniale, Elle Di Ci (Torino)**, 1994, pp. 113-114).

Illi s-**sub-inciz (f) tal-Artikolu 19 (1)** gie diskuss u ezaminat ukoll minn din il-Qorti kif presjeduta fil-kawzi fl-ismijiet **“Nicolai Balzan vs Simone Cremona”** (deciza 9 ta’ Marzu 2000 – Cit. Nru 1019/98RCP), **“Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri”** (PA RCP deciza 27 ta’ Frar 2001) u **“Lydia Musu’ vs Dr. Ian Spiteri Bailey et nomine”** (deciza 1 t’Ottubru 2002 – Cit. Nru. 390/99RCP) fejn din il-Qorti fl-interpretazzjoni tal-imsemmi sub-inciz qablet li l-eskluzjoni pozittiva’ taz-zwieg mhux necessarjament ghandha tirrizulta minn xi haga espressa direttament izda tista’ tigi espressa bl-imgieba u bl-agir ta’ xi wiehed mill-partijiet immedjatament qabel l-ghoti tal-kunsens, u anke wara l-ghoti tal-istess kunsens.

Illi l-konvenuta ssostni li z-zwieg taghha mal-attur huwa wiehed validu u tghid li l-attur kien ossessjonat fuqha u ghalhekk ried jizzewwigha. Hawn il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li x-xhieda tal-konvenuta m’hijiex kredibbli u dan mhux biss il-ghaliex ix-xhieda tal-attur giet korroborata minn diversi xhieda ohra bhal impjegati u ex-impjegati tieghu u familjari, izda anke l-ghaliex il-fatti kif esposti mill-konvenuta huma konfuzi u kontradittorji. Per ezempju hija tallega li kienet *close* hafna ma’ omm l-attur izda mbaghad tammetti li din tal-ahhar ma kinetx prezenti ghat-tieg u tipprova tispjega l-fattt li hija kwazi qatt ma marret id-dar tal-genituri tal-attur billi tghid li ommu kienet stabbiliet rapport profond mat-tfajliet li l-attur kellu qabilha u *“ghalhekk kien jiddispjaciha jekk ma nibqghux flimkien”.*

Illi l-attur premetta wkoll li l-kunsens tieghu u tal-konvenuta kien vizzjat *ai termini* tas-**sub-inciz (d) tal-Artikolu 19 (1)**. Illi mill-mod kif xehdu l-partijiet wiehed jintuwixxi li probabbilment fil-mument tal-ghoti tal-kunsens ebda wiehed mill-partijiet ma kellu d-diskrezzjoni necessarja sabiex jifhem l-kuncett ta’ hajja mizzewga u d-dmirijiet naxxenti minnha u fil-fehma ta’ din il-Qorti dan jirrizulta mill-provi prodotti sal-grad rikjest mill-ligi fil-kamp civili, u cjoe’ fuq bilanc ta’ probabbiltajiet, illi l-kunsens taghhom kien ghalhekk ivizzjat ukoll *ai termini* ta’ dan is-sub-inciz. Fil-fatt jidher li kull parti f’din il-kawza kienet ghal kollox konfuza fuq l-att li kienet ser taghmel, u certament dan huwa ta’ difett fid-diskrezzjoni ta’ gudizzju

rispettiv fl-ghoti tal-kunsens taghhom b'dan li hemm bazi t'annullament taz-zwieg anke *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255**.

Illi din il-Qorti hi ghalhekk sodisfatta li l-attur prova, sal-grad li trid il-ligi f'kawza civili li r-raguni predominanti b'mod li twarrab skopijiet ohra, il-ghala huwa resaq ghaz-zwieg kienet sabiex isolvi l-problemi naxxenti mit-tqala tal-konvenuta u b'hekk ikollu access liberu ghat-tarbija li kienet sar titwieled u mhux biex jintrabat fiz-zwieg bid-drittijiet u l-obbligi reciproci tal-partijiet li jitnisslu minn tali zwieg.  Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti jidhrilha li ghandha tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fit-29 ta' Awissu 1999 huwa null u bla effett *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**<u>III.   KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti tad-29 t'Awissu 1999 huwa null u bla effett *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------